PLURIBUS PARENS

# Kunsill Lokali l-Gudja

## Somarju dwar Pjan ta' Ħidma

## Jannar 2014 sa Diċembru 2016

Il-Komunita' tal-Gudja hija mibnija fuq rabtiet soċjali u kulturali. Il-Kunsill jixtieq ikompli jferrex s-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali sabiex ħadd ma jaqa' lura u b'hekk il-Gudja tkun waħda mill-kommunitajiet progressivi fejn il-lokal ikun sors t'opportunita' indaqs għal kulħadd. Il-Kunsill jagħti sehemu għal ġejjieni aħjar u juri direzzjoni għal progress kemm komuni kif ukoll personali. Ix-xogħol tal-Kunsill għalhekk huwa kontinwu u bla limitu.

Dan il-pjan huwa għalhekk mibni fuq dawn il-kapi ta' ħidma

1. Infrastruttura – xogħol ta' toroq, bankini u passaġġi urbani u mhux urbani

2. Protezzjoni tal-qalba tar-raħal

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: JM Calleja; Viċi-Sindku: R. Baldacchino; Kunsilliera: MA Sammut, D. Grech, S. Caruana

3. Protezzjoni u ħarsien soċjali u sigurtà personali u kollettiva

4. Edukazzjoni kontiwa u għal kulħadd, u neqirdu l'illitteriżmu

5. Sussidjarità bil-għan ewlieni li juri ċar li d-deċiżjonijiet jittieħdu qrib u r-residenti għall-benefiċċju tagħhom stess.

6. Relazzjoni tal-Kunsill mal-Għaqdiet u Soċjetajiet tal-Gudja u l-volontarjat (fl-oqsma kollha kull fejn jinsabu)

7. Ambjent mill-aqwa fl-aspetti kollha tiegħu

8. Saħħa (Fiżika u Mentali) sabiex nikkumbattu l-faqar

9. Sports għal kulħadd

10. Gudja post li jofri Kultura, Storja u Arti, u b'hekk t'interess turistiku kemm lokali kif ukoll għat-turisti li jiġi jżur gżiritna

11. Konfini ċari u bla ekwivoku speċjalment sabiex juru li l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-Gudja u li ma jkunx hemm stramberiji bla bżonn

12. Faċiltajiet rikreattivi u ġonna siguri għal kulħadd

Il-Budget tal-Kunsill għas-sena 2014 ikompli jirrifletti l-pjan u jitfa dawl dwar l-istrateġija tal-Kunsill f'dawn l-oqsma u dan jibda jseħħ wara li jiġi ppreżentat u approvat waqt il-laqgħa pubblika tal-20 ta' Frar 2014.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku